**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0072/2024 }**
**B10-0073/2024 }**
**B10-0080/2024 }**
**B10-0081/2024 }**
**B10-0082/2024 }**
**B10-0085/2024 }**

**RC1**

8.10.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0072/2024 (Renew)
B10-0073/2024 (ECR)
B10-0080/2024 (PPE)
B10-0081/2024 (Verts/ALE)
B10-0082/2024 (The Left)
B10-0085/2024 (S&D)

dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Moldova kontra l-indħil Russu qabel l-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum kostituzzjonali dwar l-integrazzjoni fl-UE li jmiss
(2024/2821(RSP))

**Siegfried Mureşan, Andrzej Halicki, Michael Gahler, Sebastião Bugalho, David McAllister, Željana Zovko, Nicolás Pascual De La Parte, Isabel**

**Wiseler-Lima, Antonio López-Istúriz White, Wouter Beke, Krzysztof Brejza, Daniel Caspary, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Ondřej Kolář, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, Miriam Lexmann, Vangelis Meimarakis, Ana Miguel Pedro, Davor Ivo Stier, Michał Szczerba, Ingeborg Ter Laak, Matej Tonin, Milan Zver, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Virgil-Daniel Popescu, Adina Vălean, Loránt Vincze, Iuliu Winkler**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Nacho Sánchez Amor, Sven Mikser, Thijs Reuten, Dan Nica, Victor Negrescu, Gheorghe Cârciu, Mihai Tudose, Adrian-Dragoş Benea, Gabriela Firea, Maria Grapini, Claudiu Manda, Vasile Dîncu, Ştefan Muşoiu**
f'isem il-Grupp S&D
**Joachim Stanisław Brudziński, Adam Bielan, Mariusz Kamiński, Cristian Terheş, Alexandr Vondra, Roberts Zīle, Ivaylo Valchev, Carlo Fidanza, Rihards Kols, Sebastian Tynkkynen, Michał Dworczyk, Assita Kanko, Małgorzata Gosiewska, Maciej Wąsik, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Adrian-George Axinia, Ondřej Krutílek, Tobiasz Bocheński, Alberico Gambino, Gheorghe Piperea, Aurelijus Veryga, Şerban-Dimitrie Sturdza, Claudiu-Richard Târziu, Charlie Weimers**
f'isem il-Grupp ECR
**Dan Barna, Petras Auštrevičius, Helmut Brandstätter, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Bernard Guetta, Ľubica Karvašová, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Eugen Tomac, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Dainius Žalimas**
f'isem il-Grupp Renew
**Reinier Van Lanschot**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Jonas Sjöstedt**
f'isem il-Grupp The Left

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Moldova kontra l-indħil Russu qabel l-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum kostituzzjonali dwar l-integrazzjoni fl-UE li jmiss**
**(2024/2821(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika tal-Moldova,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra[1], li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva,

– wara li kkunsidra l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova għas-sħubija fl-UE tat-3 ta' Marzu 2022, u l-għoti konsegwenti ta' status ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022,

– wara li kkunsidra t-tlaqqigħ tal-ewwel Konferenza Intergovernattiva dwar l-adeżjoni tal-Moldova mal-UE, li saret f'Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-13 ta' Ġunju 2024 tal-Istati Uniti, il-Kanada u r-Renju Unit li tesponi l-attività sovversiva u l-indħil elettorali tar-Russja fil-konfront tal-Moldova,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi huwa previst li fl-20 ta' Ottubru 2024, fir-Repubblika tal-Moldova se jsiru elezzjoni presidenzjali u referendum kostituzzjonali dwar l-integrazzjoni fl-UE, f'kuntest ta' ndħil u tentattivi kontinwi min-naħa tar-Russja biex tiddestabbilizza s-sitwazzjoni politika u l-proċess elettorali fil-pajjiż;

B. billi l-Federazzjoni Russa ilha tuża rikatti ekonomiċi, provokazzjoni, diżinformazzjoni, finanzjament illegali tal-partiti politiċi, attakki ċibernetiċi u mezzi ibridi oħra biex iddgħajjef l-istabbiltà, is-sovranità, l-ordni kostituzzjonali u l-istituzzjonijiet demokratiċi tar-Repubblika tal-Moldova; billi l-attivitajiet sovversivi tar-Russja fil-Moldova huma intiżi biex idgħajfu l-appoġġ popolari favur il-perkors Ewropew magħżul mill-poplu tal-Moldova u biex irawmu d-destabbilizzazzjoni; billi l-miżuri attivi previsti jinkludu t-twaqqif u l-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet faċċata li jagħmluha ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u "ċentri kulturali", li jkunu involuti fit-tixrid ta' diżinformazzjoni online u offline, l-istabbiliment ta' kostitwenzi politiċi u soċjetali b'saħħithom favur ir-Russja u r-ritornar tar-Repubblika tal-Moldova

[1] ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

lejn stat ta’ dipendenza fuq l-idrokarburi Russi;

C. billi fl-2023, l-UE imponiet sanzjonijiet fuq atturi pro-Russja u oligarki Moldovani ewlenin, bħal Ilan Șor, Vladimir Plahotniuc, Igor Ceaika, Gheorghe Cavaliuc u Marina Tauber, abbażi ta’ reġim ta’ sanzjonijiet stabbilit reċentement immirat lejn persuni responsabbli għal azzjonijiet maħsuba biex jiddestabbilizzaw, idgħajfu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova; billi l-alleati tas-Sur Șor allegatament irreklutaw individwi b’mod attiv u organizzawlhom il-loġistika u pprovdewlhom kumpens finanzjarju biex jingħaqdu mal-protesti tagħhom; billi fit-3 ta’ Ottubru 2024, inkixfet operazzjoni ta’ frodi elettorali fuq skala kbira, iffinanzjata mill-oligarka pro-Russja Ilan Șor, fejn ġie żvelat li aktar minn USD 15-il miljun kienu ġew ittrasferiti f’Settembru 2024 lil aktar minn 130 000 ċittadin tal-Moldova involuti f’din l-iskema ta’ tixħim tal-votanti; billi fit-18 ta’ Settembru 2024, żewġ alleati stretti ta’ Ilan Șor – il-viċi kap Marina Tauber u Evghenia Guțul, il-Gvernatur (Bashkan) tal-Gagauzia – iltaqgħu mal-kelliema tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Russja, Maria Zakharova, u sussegwentement taw informazzjoni falza dwar l-UE u l-futur tal-Moldova fi ħdanha;

D. billi waħda mill-għodod użati mill-Istat Russu hija n-network RT iffinanzjat mill-Istat (li qabel kienet Russia Today), li mar lil hinn mill-attivitajiet tal-media, u sar involut b’mod attiv f’operazzjonijiet ċibernetiċi, influwenza bil-moħbi, akkwist pubbliku militari u gwerra tal-informazzjoni madwar reġjuni varji; billi f’Ġunju 2024, l-Istati Uniti, flimkien mar-Renju Unit u l-Kanada, esponew l-isforzi tar-Russja biex tinvolvi ruħha f’attivitajiet sovversivi u indħil elettorali fil-konfront tar-Repubblika tal-Moldova;

E. billi f’Settembru 2024, l-Istati Uniti imponew sanzjonijiet fuq tliet entitajiet u żewġ individwi minħabba l-involviment tagħhom fl-azzjonijiet destabbilizzanti tar-Russja barra mill-pajjiż, inkluż fir-Repubblika tal-Moldova; billi dawn l-isforzi bil-moħbi inkludew persunal tal-RT li pprovda appoġġ dirett lill-oligarka Moldovan maħrub Ilan Șor, l-awtur ewlieni tal-iskandlu ta’ frodi bankarja ta’ USD 1 biljun fl-2014; billi, skont id-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti, l-RT u l-impjegati tiegħu, inkluża l-kap editur Margarita Simonyan, ikkoordinaw direttament mal-Kremlin biex jappoġġjaw l-isforzi tal-Gvern Russu biex jinfluwenza l-elezzjoni presidenzjali tal-Moldova ta’ Ottubru 2024, bl-għan apparenti li jiġi inċitat l-inkwiet fir-Repubblika tal-Moldova;

F. billi s-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence tar-Repubblika tal-Moldova rrapporta livell bla preċedent ta’ intensità fl-azzjonijiet meħuda mir-Russja intiżi biex tankra lill-Moldova fl-isfera ta’ influwenza tagħha; billi din it-theddida ibrida hija mmirata lejn proċessi demokratiċi u ddgħajjef l-integrazzjoni Ewropea billi tamplifika t-tendenzi separatisti radikali fin-Nofsinhar tal-pajjiż, b’mod partikolari f’Gagauzia (UTAG), permezz ta’ propaganda, manipulazzjoni tal-ispazju tal-informazzjoni, indħil fil-proċess elettorali u twettiq ta’ operazzjonijiet sovversivi; billi s-servizzi tas-sigurtà nazzjonali tal-Moldova ddikjaraw li r-Russja qed tiffinanzja l-kampanja “le”, b’madwar EUR 100 miljun għall-gruppi politiċi pro-Russja, u qed ixxerred id-diżinformazzjoni fuq il-media soċjali biex iddaħħal dubju dwar il-leġittimità tal-proċess elettorali; billi fl-2023, is-servizzi tal-intelligence tal-Ukrajna rrapportaw li kienu interċettaw pjan tar-Russja biex

isir kolp ta' stat ħalli titneħħa l-President tal-Moldova, Maia Sandu;

G. billi r-Repubblika tal-Moldova ħadet passi biex tiġġieled l-indħil Russu, inkluż billi tipprojbixxi lill-partiti politiċi pro-Russja li qed joperaw b'mod illegali, tissanzjona l-oligarki, tissospendi l-mezzi tal-media li jxerrdu d-diżinformazzjoni, u żżid il-kontrolli doganali; billi l-istrateġija tas-sigurtà nazzjonali aġġornata tal-Moldova tattribwixxi kampanji ta' diżinformazzjoni u attakki ibridi oħra lir-Russja;

H. billi l-gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata, mhux ġustifikata u illegali li nbdiet mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna taffettwa b'mod profond is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali, tipperikola s-sitwazzjoni makroekonomika, l-istabbiltà finanzjarja, l-iżvilupp demokratiku u l-koeżjoni soċjali tar-Repubblika tal-Moldova, u tkompli żżid l-inċidenza u s-severità tal-faqar, l-inflazzjoni u l-emigrazzjoni; billi l-Federazzjoni Russa, f'kooperazzjoni ma' atturi domestiċi sponsorjati mir-Russja, tħeġġeġ u tuża l-inċertezza ekonomika, ġeopolitika u ta' sigurtà mifruxa li tirriżulta biex tiddeleġittimizza u trawwem oppożizzjoni għall-politiki Ewropeisti tal-Gvern tal-Moldova;

I. billi minkejja l-effetti drammatiċi tal-gwerra fuq l-Ukrajna u dawn it-tentattivi ta' destabbilizzazzjoni, ir-Repubblika tal-Moldova rnexxielha tikkonsolida b'mod sinifikanti d-demokrazija tagħha, tkompli t-trajettorja ta' riforma tagħha u tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha mal-UE; billi t-titjib fis-sistema demokratika tal-pajjiż ġie rifless fil-progress tiegħu f'diversi indiċijiet internazzjonali; billi l-implimentazzjoni msaħħa tal-ftehimiet attwali tal-Gvern tal-Moldova turi l-impenn tiegħu lejn il-kooperazzjoni eqreb mal-UE u l-integrazzjoni fiha;

J. billi r-Repubblika tal-Moldova hija sieħba importanti u stmata tal-UE; billi l-applikazzjoni tagħha għall-adeżjoni mal-UE, u d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jagħti status ta' pajjiż kandidat lir-Repubblika tal-Moldova bil-fehim li jittieħdu disa' passi, turi ambizzjoni konġunta qawwija favur integrazzjoni rapida fl-UE; billi permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, fis-seħħ mill-2016 'il hawn, l-UE u l-Moldova impenjaw ruħhom li jippromwovu assoċjazzjoni politika u jiksbu integrazzjoni ekonomika;

K. billi fit-3 ta' Marzu 2022, ir-Repubblika tal-Moldova applikat għal sħubija fl-UE, u fit-23 ta' Ġunju 2022, ingħatat status ta' pajjiż kandidat bi ftehim unanimu tas-27 Stat Membru kollha tal-UE; billi l-UE fetħet in-negozjati tal-adeżjoni mar-Repubblika tal-Moldova matul l-ewwel konferenza dwar l-adeżjoni fil-livell ministerjali, li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2024, wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2023 li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova, u l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-qafas ta' negozjar għal dawn in-negozjati fil-21 ta' Ġunju 2024; billi l-adeżjoni mal-UE tibqa' proċess ibbażat fuq il-mertu li jirrikjedi l-issodisfar tal-kriterji ta' adeżjoni mal-UE;

L. billi kull Stat sovran għandu d-dritt intrinsiku li jiddefendi lilu nnifsu u li jinvesti fil-kapaċitajiet ta' difiża u reżiljenza tiegħu, u billi tali azzjonijiet huma konsistenti mal-istatus ta' newtralità tar-Repubblika tal-Moldova;

M. billi l-Kunsill adotta miżuri ta' assistenza b'valur ta' EUR 137 miljun għall-benefiċċju tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova fl-ambitu tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi mill-2021;

N. billi fl-24 ta' April 2023, l-UE stabbiliet il-Missjoni ta' Sħubija fir-Repubblika tal-Moldova (EUPM Moldova) fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni, bl-objettiv li ttejjeb ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà fl-oqsma tal-ġestjoni tal-kriżijiet, it-theddid ibridu, inkluża ċ-ċibersigurtà, u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin; billi fil-21 ta' Mejju 2024, il-Moldova saret l-ewwel pajjiż li ffirma Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża mal-UE, li se tgħin biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża bejn l-UE u l-Moldova;

O. billi, skont diversi rapporti, ħafna qassisin mill-Metropolija tal-Moldova vvjaġġaw lejn ir-Russja, fejn irċevew fondi bl-intenzjoni li jużawhom għal skopijiet elettorali fir-Repubblika tal-Moldova;

1. Jesprimi solidarjetà mal-poplu tar-Repubblika tal-Moldova u jtenni l-appoġġ sod tiegħu favur l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fi ħdan il-konfini tagħha rikonoxxuti internazzjonalment;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-operazzjonijiet ibridi, l-indħil u l-attivitajiet malizzjużi li qed jeskalaw min-naħa tal-Federazzjoni Russa, l-oligarki pro-Russja u l-atturi lokali sponsorjati mir-Russja bl-għan li jdgħajfu l-proċessi elettorali, is-sigurtà, is-sovranità u l-pedamenti demokratiċi tar-Repubblika tal-Moldova, irawmu l-qsim fis-soċjetà tal-Moldova u jiżvijaw it-trajettorja Ewropeista tal-pajjiż, qabel l-elezzjoni presidenzjali li jmiss u r-referendum kostituzzjonali dwar l-integrazzjoni tal-UE;

3. Itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Russi biex jirrispettaw l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova, u biex iwaqqfu l-provokazzjonijiet u t-tentattivi tagħhom biex jiddestabbilizzaw il-pajjiż u jdgħajfu l-ordni kostituzzjonali u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha; itenni l-appelli tiegħu lir-Russja biex tirtira l-forzi u t-tagħmir militari tagħha mit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova, tiżgura l-qerda sħiħa tal-munizzjoni u t-tagħmir kollu fil-maħżen ta' Cobasna taħt sorveljanza internazzjonali u tappoġġja riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Transnistrijan, f'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u d-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Istanbul tal-1999 tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa;

4. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiżguraw li tingħata l-assistenza kollha meħtieġa lir-Repubblika tal-Moldova biex issaħħaħ il-mekkaniżmi istituzzjonali tagħha u l-kapaċità tagħha li tirrispondi għat-theddid ibridu; jappella għal aktar appoġġ tal-UE għall-Moldova fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, it-theddid ibridu u l-attakki ċibernetiċi; jissottolinja li dan għandu jinvolvi t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Moldova li tiġġieled id-diżinformazzjoni, issaħħaħ l-infrastruttura taċ-ċibersigurtà tagħha u ssaħħaħ ir-reżiljenza kontra influwenzi malinni esterni; jenfasizza l-importanza partikolari tal-ġlieda kontra narrattivi Russi foloz, filwaqt li jissottolinja l-indħil malinn tagħhom fir-Repubblika tal-Moldova u l-modi li bihom jintużaw biex jiġġustifikaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

5. Jistieden lill-Kunsill jadotta sanzjonijiet addizzjonali mmirati kontra individwi u entitajiet responsabbli li appoġġjaw jew wettqu azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll id-demokrazija, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-pajjiż, u l-istat tad-dritt; jappella lill-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet jiġu implimentati kif xieraq; itenni l-istedina tiegħu lill-istati u lit-territorji ospitanti rispettivi biex jestradixxu lil Ilan Şor, Vladimir Plahotniuc u lil individwi oħra li huma mfittxija biex jitressqu l-qorti fir-Repubblika tal-Moldova;

6. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fir-Repubblika tal-Moldova (EUPM Moldova); jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-EUPM Moldova taħdem bl-aħjar mod possibbli, filwaqt li jqis il-progress u jadatta l-operazzjonijiet tagħha jekk ikun meħtieġ biex tkun effiċjenti kemm jista' jkun, filwaqt li jipproponi li jestendi ulterjorment l-mandat tagħha wara Mejju 2025, jadatta l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u jżid ir-riżorsi tal-missjoni; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-appoġġ tagħhom għaċ-Ċentru għall-Komunikazzjoni Strateġika u l-Ġlieda kontra d-Diżinformazzjoni tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar ir-riżultati tal-pakkett ta' appoġġ tal-UE għall-Moldova ta' Ġunju 2023, b'mod partikolari l-għan iddikjarat tal-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, u l-bini ta' kapaċitajiet għall-media indipendenti, is-soċjetà ċivili u ż-żgħażagħ;

7. Ifaħħar l-appoġġ sod tar-Repubblika tal-Moldova għall-Ukrajna mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja; ifaħħar lir-Repubblika tal-Moldova talli laqgħet 1,5 miljun rifuġjat Ukren matul il-gwerra, li minnhom madwar 125 000 għadhom fil-pajjiż; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw appoġġ kontinwu għall-Moldova u liċ-ċittadini tagħha biex jindirizzaw l-isfidi li l-pajjiż qed jiffaċċja b'konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inklużi numri kbar ta' rifuġjati, inflazzjoni, theddid għall-provvisti tal-enerġija tagħha u ksur tal-ispazju tal-ajru tagħha;

8. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu favur l-adeżjoni futura tar-Repubblika tal-Moldova mal-UE; jemmen li l-adeżjoni tagħha mal-UE tikkostitwixxi investiment ta' benefiċċju reċiproku f'Ewropa magħquda u b'saħħitha; jilqa' l-appoġġ mifrux fir-Repubblika tal-Moldova għall-integrazzjoni Ewropea tagħha; jenfasizza li l-integrazzjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Moldova tirrappreżenta mhux biss triq lejn prosperità ekonomika akbar, iżda wkoll salvagwardja għall-istabbiltà politika u għas-sigurtà quddiem theddid estern;

9. Jappella għall-aċċelerazzjoni tal-proċess tal-iskrinjar u l-organizzazzjoni f'waqtha ta' konferenzi intergovernattivi sussegwenti, fejn għandhom jinbdew in-negozjati dwar ir-Raggruppament 1 dwar il-Prinċipji Fundamentali; jappella lill-UE biex tappoġġja b'mod adegwat ir-riformi relatati mal-adeżjoni billi tiżviluppa strumenti finanzjarji robusti u adattabbli mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tar-Repubblika tal-Moldova bil-ħsieb li tindirizza b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u strutturali tagħha, u tiżgura li l-pajjiż jibqa' reżiljenti u kapaċi jimplimenta r-riformi meħtieġa matul il-proċess tal-adeżjoni tiegħu mal-UE; iħeġġeġ l-aċċelerazzjoni tal-integrazzjoni gradwali tal-Moldova fl-UE u fis-suq uniku billi titħalla tipparteċipa f'inizjattivi u programmi ġodda

tal-UE li jagħtu benefiċċji soċjoekonomiċi tanġibbli f'oqsma speċifiċi anke qabel ma l-pajjiż jingħaqad formalment mal-UE; itenni t-talba tiegħu, f'dan ir-rigward, biex l-UE tieħu passi rapidi u sinifikanti lejn il-liberalizzazzjoni permanenti tal-kwoti tariffarji tagħha;

10. Jappella għal appoġġ aktar konsistenti għar-Repubblika tal-Moldova fil-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE, inkluża aktar assistenza teknika billi jintbagħtu konsulenti addizzjonali tal-UE lill-awtoritajiet tal-Moldova, bħala kontribut għat-tisħiħ tal-bini tal-kapaċità;

11. Jappella għall-adozzjoni ta' pjan ġdid ta' tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova sabiex il-Moldova tiġi ffinanzjata u appoġġjata b'mod adegwat fil-kisba ta' konverġenza ekonomika mal-UE; jemmen li dan il-pjan għandu jiffinanzja investimenti fl-infrastruttura, fil-kapital uman u fit-tranżizzjoni diġitali u f'dik ekoloġika, filwaqt li jiffaċilita t-tkabbir ekonomiku sostenibbli;

12. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tinkludi lir-Repubblika tal-Moldova fl-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u tagħti prijorità lill-finanzjament għall-pajjiżi kandidati fil-proposta tagħha għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2028-2034), filwaqt li tiżgura l-perkors lejn l-adeżjoni mal-UE;

13. Jilqa' l-progress sinifikanti tar-Repubblika tal-Moldova fl-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-adeżjoni tal-UE u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Moldova jkomplu r-riformi ambizzjużi dwar id-demokrazija u l-istat tad-dritt; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprijoritizzaw u jallokaw riżorsi addizzjonali għall-isforzi biex jiġu appoġġjati l-istat tad-dritt u r-riformi kontra l-korruzzjoni fir-Repubblika tal-Moldova sabiex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet, inklużi dawk relatati mal-korruzzjoni fis-settur tas-sigurtà, fis-sistema tal-ġustizzja, fl-amministrazzjoni pubblika u fil-media, li jistgħu jippermettu l-indħil u d-diżinformazzjoni Russi; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Moldova jkompli jaħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha favur riforma sostenibbli u komprensiva fil-qasam tal-ġustizzja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-UE u tal-Kummissjoni ta' Venezja;

14. Jissottolinja l-importanza li jitmexxa 'l quddiem il-proċess ta' riforma tal-pajjiż sabiex jittejbu l-istandards tal-għajxien, partikolarment għall-gruppi vulnerabbli, u biex il-ġenerazzjonijiet iżgħar jiġu pprovduti bi prospetti attraenti għall-ħajja u x-xogħol fil-pajjiż, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza soċjetali għall-attakki ibridi u jitnaqqas l-għadd ta' ċittadini li jfittxu kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar fi bnadi oħra fl-Ewropa; jenfasizza l-ħtieġa li l-acquis soċjali jkun rappreżentat aħjar fil-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni;

15. Itenni l-appoġġ tiegħu għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova; ifaħħar lir-Repubblika tal-Moldova talli saret l-ewwel pajjiż li ffirma sħubija ta' sigurtà u difiża mal-UE u jappella biex din is-sħubija tissarraf f'azzjoni prattika; jappella lill-UE biex progressivament tinkludi lir-Repubblika tal-Moldova fl-inizjattivi u l-programmi leġiżlattivi li ġejjin relatati mas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jappoġġja l-ħidma kontinwa fl-ambitu tad-Djalogu Politiku

u ta' Sigurtà ta' Livell Għoli bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-politika estera u ta' sigurtà;

16. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi għar-Repubblika tal-Moldova biex ikomplu jsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-pajjiż;

17. Itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu jappoġġjaw lill-isforzi tal-awtoritajiet tal-Moldova biex iżommu l-istabbiltà makroekonomika u jsaħħu s-sigurtà enerġetika billi jappoġġjaw il-bini ta' interkonnessjonijiet ġodda tal-elettriku mal-pajjiżi ġirien; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw finanzjarjament il-proġetti tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli bħala mod nadif u sostenibbli biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija tal-Moldova u tiġi diversifikata l-provvista tagħha, filwaqt li jiġi żgurat li l-enerġija tibqa' ekonomikament aċċessibbli, partikolarment għall-gruppi l-aktar vulnerabbli;

18. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni mal-Moldova permezz ta' miżuri mmirati sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-pajjiż għat-theddid ibridu, inkluż billi jittejbu l-komunikazzjonijiet strateġiċi dwar l-UE, jiġu appoġġjati l-ġurnalisti u s-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, jiġi promoss kontenut tal-media indipendenti bil-lingwa Russa u jittejjeb il-litteriżmu fl-informazzjoni pubblika; jappella għal riżorsi u għarfien tekniku addizzjonali biex jassistu l-komunikazzjonijiet strateġiċi, il-koordinazzjoni interna u l-bini tal-kapaċità tal-Gvern tal-Moldova kontra l-attakki ibridi u d-diżinformazzjoni; ifaħħar l-isforzi tas-soċjetà ċivili tal-Moldova fl-appoġġ tal-ġlieda tal-Gvern tal-Moldova kontra d-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-valuri demokratiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw il-litteriżmu fil-media u l-indipendenza tal-media, kif ukoll it-tisħiħ tal-infrastruttura diġitali kritika tal-Moldova, inkluż permezz tas-sostituzzjoni tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ta' oriġini Russa; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jespandu u jintensifikaw l-involviment dirett tagħhom maċ-ċittadini tal-Moldova billi jinkluduhom fi programmi u proġetti bilaterali u tal-UE varji, bħall-konsultazzjonijiet maċ-ċittadini, u biex irawmu l-konnessjonijiet bejn il-persuni;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Gvern tal-Moldova biex jagħmel pressjoni fuq il-pjattaformi tal-media soċjali biex jindirizza d-diżinformazzjoni b'mod effettiv;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-awtoritajiet Russi.